MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2010

Appell Civili Numru. 524/2004/1

**Antonio u Tereza konjugi Micallef u Carmelo Micallef**
**u**
**b'digriet tal-10 ta' Dicembru 2007, l-atti f'isem Antonio Micallef**
**gew trasfuzi f'isem ibnu Salvatore Micallef stante l-mewt tal-istess Antonio Micallef li sehhet fil-mori tal-kawza**

**v.**

**Carmini Farrugia, Charles Farrugia, Paul Farrugia, Domnick Farrugia, Lourdes Farrugia, Mary Anne Farrugia,**

**Rita Farrugia, Sandra Farrugia, Paul Fsadni, Anne Fsadni,
Censina Fsadni, Emmanuela Sammut, Charles Fsadni, Ninu Micallef u Saviour Agius**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Dan hu appell ad istanza tal-konvenuti minn sentenza parzjali moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Marzu 2008 li ddecidiet billi cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti u ordnat li l-kawza titkompla, bl-ispejjez tad-decizjoni fic-cirkostanzi jkunu bla taxxa.

Ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell, il-Qorti qieghda tirriproduci *in toto* s-sentenza appellata kif jidher hawn taht:

"Il-Qorti;

"Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fis-16 ta' Lulju, 2004 li permezz taghha l-atturi ppremettew:

"Illi l-atturi u l-konvenuti huma sidien ta' diversi porzjonijiet ta' raba formanti parti minn territorju akbar imsejjah 'Tal-Marg' Triq Tal-Gibjun, kontrada tal-Buskett, Limiti ta' Had-Dingli, indikata bl-ahmar fuq pjanta tas-sit hawn annessa (Dok. MR1), fejn hemm triq *gia`* ezistenti biswit ir-raba mertu ta' din il-kawza ndikata bl-isfar fuq l-istess pjanta.

"U li b'kuntratt ta' assenjazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Vincenzo Maria Pellegrini datat 21 ta' Mejju tal-1946 gie kostitwit bejn il-kondiventi, predecessuri tal-atturi u l-konvenuti *modus vivendi*, bejn il-gabillotti li kienu jahdmu r-raba msejha 'Tal-Marg' Triq Tal-Gibjun, kontrada tal-Buskett, Limiti ta' Had-Dingli, konsistenti fid-dritt ta' passagg bir-rigel u bil-karrettun ghal kull porzjoni peress illi kienu jokkupaw ir-raba *de quo* taht titolu ta' cens temporanju.

"U li l-predecessuri tal-atturi u l-konvenuti, b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri datat 12 ta' Ottubru, 1976 kienu xtraw id-dirett dominju annwu u temporanju ghaz-zmien li kien ghad fadal tar-raba' msejjah Tal-Marg, u konsegwenzjalment, is-servitu` ta' passagg bir-rigel u bil-karrettun gie kkonsolidat, peress illi saru sidien assoluti.

"U li l-atturi jew il-predecessuri taghhom fit-titolu kienu jaghmlu uzu minn dan il-passagg *de quo* bir-rigel u bil-karrettun, kif jidher mill-qasma fir-raba u r-rampi mal-fethiet fil-hitan tas-sejjieh.

"U li bla pregudizzju ghas-suespost, fi kwalunkwe kaz ir-raba tal-atturi jinsab interkjuz, u m'ghandux access ghat-triq, u peress illi l-esigenzi tal-koltivazzjoni tar-raba msejha 'Tal-Marg' Triq tal-Gibjun, kontrada tal-Buskett, Limiti tar-Rabat, jirrendu bzonnjuz u necessarju d-dritt ta' passagg b'ingenji mekkanici, l-atturi qeghdin jipprevalixxu rwiehhom mid-dritt *ai termini* ta' Artikolu 447 tal-Kapitlu 16 tal-Kodici Civili u jgieghlu l-konvenuti jaghtuhom il-moghdija mehtiega.

"U li l-atturi huma gabillotti, u jaqilghu l-ghejxien taghhom minn dan l-imsemmi raba.

"U li l-konvenuti qeghdin icahhdu lill-atturi minn dan id-dritt ta' passagg b'ingenji mekkanici u jippermettulhom jghaddu bir-rigel biss bla ebda raguni valida fil-ligi.

"U li minkejja nterpellati diversi drabi, il-konvenuti xorta baqghu inadempjenti.

"Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex;

"1. Tiddikjara li l-atturi bis-sahha tal-kuntratti precitati, u kif ukoll bil-ligi, ghandhom dritt ta' servitu` ta' passagg mhux biss bir-rigel imma wkoll b'ingenji mekkanici ekwivalenti ghal karrettun.

"2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju jaghtu dritt ta' moghdija b'ingenji

mekkanici mill-atturi mill-passagg *de quo*, apparti dak *gia`* ezistenti bir-rigel, okkorrendo l-hatra ta' periti nominandi.

"3. U fin-nuqqas illi jottempraw rwiehhom, tawtorizza lill-atturi sabiex a spejjez tal-konvenuti jaghmlu dawk l-ispejjez necessarji sabiex jirrendu l-moghdija b'ingenji mekkanici possibbli mill-passagg *de quo*, u dejjem taht is-supervizjoni ta' periti teknici.

"Bl-ispejjez u bil-konvenuti minn issa ngunti in subizzjoni, u b'riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-atturi.

"Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi mahlufa u l-lista tax-xhieda.

"Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti pprezentata fit-30 ta' Awwissu, 2004 li permezz taghha eccepew:

"1. Preliminarjament in-nullita` tal-azzjoni, *stante* li l-atturi jridu jaghzlu jekk humiex qeghdin jitolbu dritt ta' passagg stabbilit kontrattwalment jew inkella jekk humiex qeghdin jitolbu dritt ta' passagg necessarju, billi z-zewg azzjonijiet huma kontradittorji u nkompatibbli ma' xulxin;

"2. Illi preliminarjament ukoll, jonqos *ai termini* tal-Artikolu 156(2) Kapitolu 12 u li l-atturi jippruducu u jesebixxu l-kuntratti minnhom imsemmija u li fuqhom huma bbazati l-pretizi taghhom, apparti li fi kwalunkwe kaz l-atturi jridu jippruvaw it-titolu minnhom vantat;

"3. Illi minghajr pregudizzju, la l-atturi u lanqas il-predecessuri fit-titolu taghhom qatt ma ezercitaw l-ebda dritt ta' passagg bil-karrettun mid-data tal-kuntratt tal-1946 sal-gurnata tal-lum, b'mod illi kwalsiasi dritt kuntrattwali taghhom *ai termini* tal-imsemmi kuntratt huwa ampjament preskritt *ai termini* tal-preskrizzjoni trentennali disposta mill-Artikolu 2143 Kapitolu 12;

"4. Illi *inoltre*, u minghajr pregudizzju ghal dak kollu sueccepit, kwalsiasi servitu` li setghet giet ikkostitwita mill-allura utilisti tal-artijiet *de quo* spiccat mat-terminazzjoni tal-enfitewsi *ai termini* tal-Artikolu 1522

Kapitolu 16, liema terminazzjoni sehhet bil-*confusio* legali bejn l-utli u d-dirett dominju msemmi fil-paragrafu 9 tad-dikjarazzjoni tal-fatti attrici;

“5. Illi ukoll minghajr pregudizzju ghal dak kollu sueccepit, dritt ta’ passagg bil-karrettun ma jfissirx dritt ta’ passagg b’mezzi mekkanici, u servitu` kostitwita permezz ta’ kuntratt hija limitata strettament bit-termini tal-istess kostituzzjoni;

“6. Illi ukoll minghajr pregudizzju ghal dak kollu sueccepit, jigi eccepit rigward it-tieni kawzali proposta (irritwalment) mill-atturi dwar dritt ta’ passagg necessarju li l-ligi ma taghtix bhala passagg necessarju d-dritt ta’ passagg bil-karrettun u wisq inqas id-dritt ta’ passagg b’mezzi motorizzati;

“B’riserva li jsiru eccezzjonijiet ulterjuri, specjalment in vista tal-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti mahlufa u l-lista tax-xhieda.

“Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta’ Frar, 2005 u l-verbali sussegwenti li permezz taghhom il-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni.

“Rat is-sentenza taghha tal-5 ta’ Lulju, 2006 li permezz taghha giet michuda l-ewwel eccezzjoni, u *cioe`* dik illi c-citazzjoni hija nulla ghaliex “*l-atturi jridu jaghzlu jekk humiex qeghdin jitolbu dritt ta’ passagg stabbilit kontrattwalment jew inkella jekk humiex jitolbu dritt ta’ passagg necessarju billi z-zewg azzjonijiet huma kontradittorji u nkompatibbli ma’ xulxin*.”

“Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta’ Dicembru, 2007 li permezz taghha l-kawza giet differita ghas-sentenza dwar it-tielet eccezzjoni u *cioe`* li l-azzjoni attrici hija preskritta bil-preskrizzjoni ta’ tletin sena billi d-dritt ta’ passagg bil-karrettun qatt ma gie ezercitat wara l-kuntratt kostituttiv tal-1946, u dan wara li l-avukati rispettivi trattaw din l-eccezzjoni.

“Ikkunsidrat;

“Kif jidher mic-citazzjoni l-kwistjoni principali f’din il-kawza huwa jekk l-atturi ghandhomx dritt ta’ passagg bil-karrettun (u allura qeghdin isostnu wkoll bl-ingenji moderni) *oltre* d-dritt ta’ passagg bir-rigel li dwaru ma hemmx kontestazzjoni. Il-konvenuti qeghdin isostnu li fil-fatt l-*aventi causa* tal-atturi u l-istess atturi dejjem ezercitaw id-dritt ta’ passagg bir-rigel biss u allura d-dritt ta’ passagg bil-karrettun gie estint bil-preskrizzjoni kontemplata fl-Artikolu 2143.

“Importanti li wiehed jirriproduci sunt komprensiv tal-provi li ngabru sa issa. Fl-1946 sar kuntratt li permezz tieghu l-bdiewa li kienu jahdmu l-ghelieqi in kwistjoni (*aventi causa* tal-partijiet) wara li kienu akkwistaw l-*utile dominiu* bejniethom tal-istess ghelieqi in komun, qasmu din il-proprjeta` f’numru ta’ porzjonijiet u ddikjaraw illi kienu qeghdin jiftehmu li hemm dritt ta’ passagg bir-rigel u bil-karrettun skond il-ligi u li dan id-dritt ta’ passagg kellu jigi ezercitat skond il-ligi u bl-inqas skumdita` ghall-fond servjenti. Fl-1976 imbaghad sar kuntratt iehor fejn il-partijiet akkwistaw id-dirett dominju taz-zmien li kien baqa’ u ghalhekk saru proprjetarji, izda ndivisament billi ma qablux dwar id-divizjoni u ppromettew illi jersqu ghal divizjoni iktar ’il quddiem.

“Il-konvenuti qeghdin isostnu li fil-fatt id-dritt ta’ passagg bil-karrettun qatt ma gie ezercitat u kien biss wara hafna snin ta’ disgwid dwar dan illi giet istitwita l-kawza – kwindi l-azzjoni hija ampjament preskritta.

“Il-partijiet ressqu diversi xhieda in sostenn tat-tezi taghhom, u filwaqt illi x-xhieda prodotti mill-atturi nvarjabbilment qalu li sa cirka hamsa u ghoxrin sena ilu kienu jaraw anke xi bdiewa jinzlu b’makkinarju tqil mill-passagg in kwistjoni, dawk li tressqu mill-atturi qalu li hadd qatt ma ghadda bil-magni tqal u kbar izda fil-passagg, u meta ntuzaw xi muturi kienu fil-fatt muturi tal-hart zghar.

"Fit-trattazzjoni taghhom l-avukati tal-partijiet argumentaw dwar jekk id-dritt ta' passagg giex fil-fatt kostitwit fl-att tal-1946 ghaliex id-difensur tal-konvenuti jsostni li dan ma kienx fil-fatt l-att kostituttiv, izda semplicement ftehim bejn il-gabillotti u ccita diversi sentenzi a sostenn tat-tezi tieghu. Il-Qorti pero` ma thossx li dawn is-sentenzi japplikaw ghall-kaz in ezami ghaliex hawnhekk il-partijiet ma kienux semplicement ihallsu l-qbiela kif kien il-kaz f'dawk il-kawzi msemmija izda kienet l-utilisti tal-proprjeta`, u kwindi certament kellhom it-titolu li jikkostitwixxu s-servitu` – hawnhekk ghandu jinghad li d-dritt ta' passagg bilfors irid jigi kostitwit b'kuntratt, sakemm ma jkunx necessarju minhabba n-nuqqas ta' access. In fatti per ezempju fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Alfred Farrugia nomine v. Joseph Psaila**, deciza fil-21 ta' Jannar 1993, intqal illi "*hu car illi ftehim bejn il-gabillotti minghajr l-intervent tas-sid ghandu jitqies ghas-sid bhala res inter alios acta u konsegwentement m'huwiex vinkolanti fuqu.*" (sottolinejar tal-Qorti) – f'dan il-kaz huma l-istess partijiet tal-kuntratt (jew is-successuri taghhom) illi qeghdin jillitigaw u allura anke independement mill-fatt li huma dakinhar tal-ftehim kienu utilisti, ma jistghux jinvokaw l-istess argument.

"Ghandu jinghad illi "*l-preskrizzjoni specjalment dik li toqtol il-process, hija istitut li min-natura tieghu jrid jitqies fil-limiti stretti li tapplika ghalih il-ligi u jfisser b'mod li ma jgibx fix-xejn l-ghan li ghandu jsir haqq fuq is-sustanza tal-kwistjoni*." (**Stencil Pave Limited v. Dr. Maria Deguara nomine** – Prim Awla, 30 ta' Ottubru, 2003). *Oltre* dan l-istess sentenza qalet illi "*jekk jezisti xi dubju dwar l-applikabbilta` taz-zmien preskrittiv minn dak li jirrizulta mill-atti tali dubju ghandu jmur kontra l-eccipjent*."

"Kif *gia`* inghad il-provi mressqa mill-partijiet huma ghal kollox konfliggenti u jidher car ghall-Qorti li filwaqt li l-konvenuti dejjem ikkontestaw id-dritt ta' passagg bil-makkinarju kbir, seta' kien hemm xi istanzi fejn l-atturi jew l-awturi taghhom matul dawn is-snin, *sia pure* bil-mohbi tal-konvenuti, dan id-dritt ezercitawh u filwaqt li l-Qorti ghad trid tiddeciedi dwar jekk dan id-dritt fil-fatt jezistix a

favur l-atturi, kien hemm azzjonijiet tal-istess atturi li nterrompew il-perjodu preskrittiv.

“Ghaldaqstant il-Qorti tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif eccepita mill-konvenuti u tordna li l-kawza titkompla – l-ispejjez ta’ din l-istanza fic-cirkostanzi jkunu bla taxxa.”

## Ir-rikors tal-appell tal-konvenuti

Il-konvenuti hassewhom aggravati bis-sentenza parzjali msemmija u appellaw minnha b’permess tal-Qorti moghti fis-17 ta’ Marzu 2008[1]. L-appell gie pprezentat fir-registru fl-1 ta’ April 2008.

L-aggravji tal-appellanti huma, fil-qosor, is-segwenti:-

1. Illi preliminarjament bhalma l-preskrizzjoni trid tigi interpretata u applikata restrittivament, anke l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni trid tigi interpretata u applikata restrittivament[2].

2. Illi l-ksur tad-dekors tal-perjodu preskrittiv irid jigi ppruvat minn min jallega l-ksur, u dan sal-grad necessarju sabiex il-Qorti tkun konvinta minn tali ksur. F’dan il-kaz, l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li “seta’ kien hemm” tali ksur, u mhux li dan il-ksur effettivament sehh.

3. Illi l-appellanti ma jaqblux mal-konsiderazzjoni tal-ewwel Qorti li uzu klandestin u bil-mohbi ta’ dritt pretiz jikser id-dekors tal-preskrizzjoni. Il-pussess u l-ezercizzju ta’ dritt, sabiex jikser il-preskrizzjoni, irid ikun pubbliku u pacifiku.

Ghalhekk l-appellanti talbu li din il-Qorti joghgobha tirrevoka, tannulla u thassar is-sentenza parzjali tat-12 ta’ Marzu 2008, tilqa’ t-tielet eccezzjoni taghhom u konsegwentement tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati.

---

[1] Ara fol. 233.
[2] Ara sentenza **Falzon v. Cilia** Vol 31 p1 p 409 deciza 22 ta’ Novembru 1943.

## Risposta tal-appell tal-atturi appellati

L-atturi appellati jikkontendu li s-sentenza appellata hija wahda gusta u li timmerita li tigi konfermata, prevja c-cahda tal-appell bl-ispejjez kontra l-konvenuti appellanti. L-appellati jsostnu preliminarjament li l-artikolu citat fl-eccezzjoni tal-konvenuti ma jsemmix x'tip ta' preskrizzjoni qed jissollevaw u ghalhekk dik l-eccezzjoni kellha tigi michuda u l-Qorti ma tistax tissollevaha hi *ex officio* u lanqas ma tista' tissostitwixxi artikolu bl-iehor.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-appellanti akkampaw (skond l-appellati) l-appell taghhom fuq il-fatt illi d-dekors tal-perjodu preskrittiv beda mill-pubblikazzjoni tal-att tal-1946, mentri kellu jibda jiddekorri mill-1976 cioe` mill-mument li fih il-kontendenti u ohrajn saru padruni diretti u ma baqghux aktar l-utilisti.

Inoltre, anke kieku d-dekors tal-perjodu preskrittiv kellu jibda mill-1946, jirrizulta xorta wahda illi circa 20 sena ilu huma kienu dahlu b'muturi kbar fir-raba mertu ta' din il-kontestazzjoni u uzaw l-istess passagg. Hu kontestat mill-appellati li l-uzu li bih inkisret il-preskrizzjoni kien wiehed klandestin, u dan billi l-kontendenti huma kwazi kollha gabillotti *full time* u jqattghu l-hin tal-gurnata fir-raba taghhom minghajr klandestinita`.

## Fatti

Ghal dak li huwa sfond tal-fatti in kawza, din il-Qorti taghmel riferenza ghar-rassenja tal-fatti maghmula tajjeb mill-Qorti tal-ewwel grad fis-sentenza taghha, u dan a skans ta' ripetizzjonijiet inutili, liema sentenza diga` tinsab inkluza fil-korp tal-odjerna sentenza.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

Illi din il-Qorti se tikkunsidra l-ewwel nett iz-zewg pregudizzjali mqajma mill-appellati. L-ewwel pregudizzjali tal-atturi appellati hija li l-artikolu citat fl-eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni tal-konvenuti ma jsemmiex x'tip ta' preskrizzjoni huma qed jissollevaw. Il-Qorti hi tal-fehma li

din il-pregudizzjali hija bla bazi. Fil-fatt il-konvenuti eccepew il-preskrizzjoni trentennali a tenur tal-Artikolu 2143 tal-Kap. 16 u ma hemm ebda dubju dwar liema preskrizzjoni l-konvenuti qed jitkellmu. L-Artikolu 2143[3] hu car u jitkellem dwar il-preskrizzjoni estintiva trentennali ta' azzjonijiet reali, personali u misti. Din il-pregudizzjali (jigifieri li ma kienx car ghal liema preskrizzjoni qed jirreferu) tressqet biss fl-istadju ta' dan l-appell, ghalhekk jekk l-atturi riedu jeliminaw xi dubju li kellhom setghu facilment jitolbu kjarifika, haga pero` li huma ma ghamlux. L-eccezzjoni giet epurata mill-ewwel Qorti u l-partijiet kienu jafu dwar liema eccezzjoni qed jittrattaw. Din il-pregudizzjali ghalhekk qed tigi respinta.

It-tieni pregudizzjali tal-appellati hija li l-perjodu preskrittiv kellu jibda jiddekorri mill-1976 cioe` mill-mument li fih il-kontendenti saru padruni diretti u ma baqghux aktar utilisti u mhux mill-pubblikazzjoni tal-att tal-1946, kif sostnew l-appellanti u kif iddecidiet l-ewwel Qorti.

Din il-Qorti ma taqbilx ma' l-appellati. Illi f'dan il-kaz l-atturi appellati qed isostnu li huma ghandhom dritt ta' passagg bis-sahha ta' titolu[4], b'kuntratt datat 21 ta' Mejju 1946 fiz-zmien meta huma kienu qed jiddetjenu r-raba b'cens temporanju. L-appellati, bhala utilisti, setghu jikkostitwixxu s-servitu` u dan sakemm jibqa' t-titolu ta' utilisti, izda minghajr ma dan jorbtu lill-padrun dirett[5], liema dritt kien jittermina meta jispicca t-titolu temporanju li kellhom[6]. Ghalhekk anke fil-kaz tal-appellati, *qua* utilisti, id-dekors tal-perjodu preskrittiv kien jibda mill-pubblikazzjoni tal-att tal-1946 meta' giet kostitwita s-servitu`. F'dan il-kaz meta saret il-konsolidazzjoni fl-1976, din ma kissritx il-preskrizzjoni li kienet ghaddejja billi skond il-kuntratt tal-1976 kellha ssir qasma mill-gdid billi ma kienx hemm ftehim bejn il-partijiet.

---

[3] L-azzjonijiet kollha, reali, personali, jew misti jaqghu bil-preskrizzjoni gheluq tletin sena, u ebda opposizzjoni ghall-preskrizzjoni ma tista' ssir minhabba n-nuqqas ta' titolu jew ta' bona fidi.
[4] Art. 469 Kap. 16.
[5] Art. 465 tal-Kap 16.
[6] App. **Booker v. Camenzuli et** deciz 5 ta' Ottubru 2001.

Din il-pregudizzjali, ghalhekk, qed tigi respinta wkoll.

L-appell ta’ konvenuti huwa mis-sentenza tal-ewwel Qorti li biha cahdet it-tielet eccezzjoni taghhom fejn eccepew li la l-atturi u lanqas il-predecessuri fit-titolu taghhom qatt ma ezercitaw dritt ta’ passagg bil-karrettun mid-data tal-kuntratt tal-1946 sal-gurnata tal-lum, b’mod illi kwalsiasi dritt kuntrattwali taghhom huwa ampjament preskritt *ai termini* tal-preskrizzjoni trentennali disposta mill-Artikolu 2143 Kapitolu 16.

L-ewwel Qorti ddecidiet li l-provi mressqa mill-partijiet kienu ghal kollox konfliggenti u filwaqt li l-konvenuti dejjem ikkontestaw id-dritt ta’ passagg bil-makkinarju kbir, pero` seta’ kien hemm xi istanzi fejn l-atturi jew l-awturi taghhom matul is-snin, *sia pure* bil-mohbi tal-konvenuti, ezercitaw dan id-dritt u filwaqt li l-Qorti kienet ghad trid tiddeciedi dwar jekk dan id-dritt fil-fatt jezistix favur l-atturi jew le, kien hemm azzjonijiet tal-istess atturi li nterrompew il-perjodu preskrittiv.

Fl-aggravju taghhom l-appellanti jsostnu li l-ksur tad-dekors tal-perjodu preskrittiv irid jigi ppruvat minn min jallega l-ksur, u dan sal-grad necessarju sabiex il-Qorti tkun konvinta minn tali ksur.  F’dan il-kaz, pero`, isostnu l-appellanti, il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li “seta’ kien hemm” tali ksur, u mhux li dan il-ksur effettivament sehh, u ghalhekk billi ma hemmx prova cara dwar dan il-ksur l-eccezzjoni taghhom kellha tigi milqugha u t-talba tal-atturi tigi michuda.

Fil-kaz odjern it-talba tal-atturi hija msejsa fuq il-fatt li d-dritt ta’ passagg gie stabbilit bis-sahha ta’ titolu, ossija l-kuntratt in atti tan-Nutar Dottor V. M. Pellegrini datat 21 ta’ Mejju 1946 meta l-komparenti fuq dak l-att kienu qed jiddetjenu r-raba mertu tal-kawza b’cens temporanju. Kienu l-konvenuti li eccepew li dan l-allegat dritt huwa preskritt billi l-atturi jew l-awturi taghhom ma ghamlux uzu minn dan id-dritt mid-data tal-kuntratt tal-1946; ghalhekk <u>kien jispetta lilhom</u> li jippruvaw l-eccezzjoni sollevata minnhom li mill-1946 l-atturi qatt ma ghamlu uzu bil-karettun minn dan il-passagg, kienet valida.

Din il-Qorti ezaminat akkuratament ix-xiehda prodotta u l-kontro-ezamijiet maghmula, u dak li jirrizulta hu li skond l-atturi u d-diversi xhieda prodotti minnhom sa xi snin ilu izda zgur inqas minn tletin sena, il-passagg kien jintuza biex jaccedu minnu ghar-raba anke b'muturi u *tractors*, u dawn l-okkazzjonijiet ma kienux kazijiet izolati, sakemm izzammew milli jidhlu b'dak il-mod mill-appellanti. L-appellati jghidu li kemm huma personalment u kemm l-antenati taghhom uzaw dawn l-ingenji biex jahartu diversi porzjonijiet fir-raba formanti parti minn korp ta' raba li fih 55 tomna. Dan id-dritt ta' passagg huma ezercitawh pubblikament u mhux klandestinament billi huma gabillotti *full time*.

Min-naha l-ohra l-konvenuti eccipjenti sostnew li x-xhieda li l-atturi pproducew kollha ftakru okkazzjoni specifika li grat 25 sena ilu u ghalhekk fil-fehma taghhom kien hemm kolluzjoni bejn l-istess xhieda u dik ix-xiehda ma hijiex kredibbili u ghandha tigi skartata. Huma jinsistu li mill-passagg qatt ma ghaddew *tractors* billi l-passagg hu dejjaq u tista' tghaddi biss bir-rigel jew bil-bhima.

Issa, fil-preskrizzjoni estintiva l-eccepjenti, f'dan il-kaz il-konvenuti, huma tenuti jipprovaw il-perkors taz-zmien statutorju applikabbli u mbaghad ikun jispetta lill-atturi li jiddefendu lilhom infushom billi jaghzlu t-triq u l-mezz li taghtihom il-ligi biex jinnewtralizzaw tali eccezzjoni. L-obbligu tal-Qorti huwa li trid tistharreg u tindaga minn liema data l-preskrizzjoni tibda tiddekorri u jekk fil-fatt din il-preskrizzjoni ddekorriex. Skond l-Artikolu 2137 tal-Kap.16: "Il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li l-azzjoni setghet tigi ezercitata".

F'dan il-kaz l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li l-provi prodotti kienu konfliggenti u din il-Qorti tikkondividi dik il-konkluzjoni. Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti il-konvenuti, li kellhom jippruvaw l-eccezzjoni taghhom, f'dawn ic-cirkostanzi ma rnexxilhom igibu l-prova rikjesta cioe` li l-perjodu preskrittiv iddekorra billi ma sarx uzu mill-atturi mid-dritt ta' passagg wara s-sena 1946. L-appellati ppruvaw li huma ghandhom titolu b'kuntratt ghal dan id-

dritt ta' passagg, u l-konvenuti ma rnexxilhomx jinnewtralizzaw dan id-dritt billi jippruvaw li dan id-dritt ma intuzax.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-appell qieghed jigi respint u s-sentenza appellata qed tigi konfermata. Il-Qorti tirrinvija l-atti lura lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni tal-kawza.

L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif deciz mill-ewwel Qorti; u dawk ta' dan l-appell ikunu a karigu tal-appellanti solidament bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------